Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 23**
**It-Tlieta 23 ta'Frar 2021**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30 p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Alfred Farrugia : Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**23.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;**

23.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alfred Farrugia, li talab li jkun skużat.
Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

23.2.01 Il-Minuti ta’Seduta L8-21 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni fil-minuti 21.4.01 u 21.5.12
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

23.3.01 B'referenza għall-minuti 21.3.01, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-proġett ta'drenaġġ mill-WSC li jinsab wieqaf għarrfet lil kunsilliera preżenti li dawn waqfu lill kuntrattur għax ma kienx se jasal u talbuh jagħlaq kollox sakemm jkun jista’ jerġa jibda ix-xogħol minn kuntrattur ieħor. Hawn spjegat dwar il-proċeduri u proċess f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li l WSC messhom għafsu aktar fuq il-kuntrattur.

Is-Sindku wiegbet li l- kuntrattur gew imponuti fuqu l-penali.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li dawn it-Tenders huma obbligati jmorru għall-cheapest iżda jidher li dan'każ fejn minn ħadu ma basarx x'hemm u ħaseb għalih.

23.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma'rappreżentanti tal-Green Pak dwar il-problemi li qed jkun hemm. Fost affarijiet li ġew diskussi kien hemm l-installar ta'kameras mal-Bring in sites. X’qed jinġabar skart riċiklat , ta' min jinġabar u dak li qed jiżviluppa dwar maniġġjar tal-iskart biex sakemm dan jsir jikkunsidraw u jieħdu ħsieb jipproponu għall ftehim biex skart riċiklat jinġabar darbtejn fil-Ġimgħa.

23.3.03 Sospensjoni tas-seduta

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li wasal operatur li għandu attività ekonomika fil-lokalita li jixtieq jagħmel u jispjega suġġeriment fiċ-ċentru tal-lokalita għall kunsiderazzjoni tal-kunsill, Għalhekk qed titlob biex tissospendi is-seduta għall ftit biex jisimgħu.

Il-kunsilliera preżenti approvaw sospensjoni tas-seduta.

**23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

23.4.01 B'referenza għall-minuti 21.3.01 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx xi indikazzjoni ta'data meta l-uffiċju għar-refuġjati go Rue D'Argens se jagħlaq u jimxi għall post ieħor.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li suppost dalwaqt imma m'ghandiex l-informazzjoni izda se ticcekja.

23.4.02 B'referenza għall-minuti 21.4.02 ,is-Sur Jean Claude Borg għarraf lil kunsilliera preżenti li hu u s-Sotto Kumitat iltaqa' mal-iskultur u saru arranġamenti biex ix-xogħol tal-pedestall għall-monument ta'San Guzepp iżommu fil-maħżen tiegħu filwaqt li se jagħmel appuntament biex min irrid jkun jista' jarah. Hawn staqsa jekk jistax jkun hemm il-ħlas għax-xogħol li ġa sar u li l-Għaqda tal-Armar staqsew jekk hemmx xi post alternattiv imma prominenti fejn dan jista' ssir.
Is-Sur Maurice Agius qal li hu jippreferi li l-post jkun fejn ġie deċiż iżda alternattiva oħra tista' tkun f'nofs il-banju ġol baħar bejn il-Ġnien u pjazza go Misraħ San Guzepp.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li nistgħu inkellmu lill perit biex jara x'hemm bżonn ssir.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li parti mix-xogħol jista' jithallas sakemm tkun preżentata l-invoice filwaqt li l-kunsill rrid jara sew dwar il-post ġol baħar.

23.4.03 B'referenza għall-minuti 21.4.03, is-Sur Charles Selvaggi għarraf lil kunsilliera preżenti li dawk interressati fil-komun tal-blokka ta'Triq Achille Ferris ħadu ħsieb jiltaqgħu ma'avukat li tagħhom parir biex jieħdu passi privati biex jħarsu l-interessi tagħhom.

23.4.04 B'referenza għall-minuti 20.4.06, Is-Sur Maurice Agius qal li jaf li saru l-sforzi kollha mill-Kunsill iżda il-pjanċa fuq kulvert go Triq il-Baċir ma tħallix min jorqod mal-lejl b'Li storbju li tagħmel.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li din il-ġimgħa kien hemm korrispondenza mill-Perit ta' IM bi struzzjonijiet biex din ssir ma'xogħol ta'emerġenza.

23.4.05 B'referenza għall-minuti 21.4.11, is-Sindku għarrfet lil kunsilliera preżenti li kull parteċipant ingħata ktieb bħala apprezzament li dawk l-istudenti li ppartecipaw għall-kompetizzjoni tal- iskola primarja.

23.4.06 B'referenza għall-minuti 21.4.12,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li TM ma ssibx oġġezzjoni li Triq Censu Farrugia ssir one way sakemm jkunu osservat il- kummenti jew rakkomandazzjoni tal-Awtorità.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fl-istess ħin spjegat li il-proġett tal-binja tal-Gvern dieħel fit-tieni fażi tiegħu għalhekk se taqa' il-binja fil-ħruġ għal Triq il-Wied biex titwessa it-triq u anke jsir il-*boundary wall* .Ghalhekk din it-Triq se tingħalaq temporanjament u għal mument jaqbel li dan it-traffic management jkun pospost.
Il-kunsilliera qablu unanimament.

23.4.07 B'referenza għall-minuti 20.4.13 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il- bozza go triq Dijonisju Fammucelli fhiex waslet.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien hemm taħwid bejn il-kuntrattur u l-ARMS ghalhekk l-Kunsill qabad u għamel applikazzjoni ġdida.

23.4.08 B'referenza għall-minuti 21.5.01,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti intalbet li ssir laqgħa ma' TM dwar ir-rotta tal-linja fis-Swatar.

23.4.09 B'referenza għall-minuti 21.5.02, dwar l-Espressjoni ta'Interess Smart Solutions għall-Immaniġġjar tal-Iskart SPI.SCI.7/2020, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li kien hemm interess komuni bejn il-kunsill lokali tal-Imsida, Pietà, San Ġwann u Ta'Xbiex biex setgħet ssir applikazzjoni konġunta.

23.4.10 B'referenza għall-minuti 21.5.03 dwar SPI/SCI/01/2021 dwar Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li saret l-applikazzjoni biex issir xogħol ta'restawr fuq l-Għajn tal-Ħasselin.

23.4.11 B'referenza għall-minuti 21.5.04 ,Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil Kunsilliera preżenti li l- Kumitat għat-Tismija ta'Toroq approva li Triq K/M ma' Triq il-Ħarrub tiġi msemmija Triq Omm Sidna.

23.4.12 B'referenza għall-minuti 21.5.06, għal akkwist ta' żewġt *monitors* għall-intrata u l-bord room, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li il-kunsill xtara wieħed minn żewġt *monitor* .

23.4.13 B'referenza għall-minuti 21.5.07, Is-Sur Jean Claude Borg għarraf lil kunsilliera preżenti li minħabba il ftit żmien li kien għad fadal għal-Karnival ma kienx possibbli li ssir karru żgħir.

23.4.14 B'referenza għall-minuti 21.5.08, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li saret l-ordni għall-isem Triq Zakkew taċ-ċaqquf.

23.4.15 B'referenza għall-minuti 21.5.10 , is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li waħhal avviż ta'żgumbrar fuq il-mutur żarmat u abbandunat go Triq L-Zamenhof.

23.4.16 B'referenza għall-minuti 21.5.11, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li sar rapport mal-pulizija dwar il-karozza mitluqa go Triq Indrì Grima. Saret wkoll laqgħa ta'informazzjoni dwar il-possibilità ta'towing mill-kunsill.

23.4.17 B'referenza għall-minuti 21.5.12 , is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li sar kuntatt mal-operatur dwar l-Ibins fejn twassal is-suġġeriment u spjegaw għala dan ma jistax ssir minħabba is-sensors.

23.4.18 B'referenza għall-minuti 21.5.15 dwar Skema finanzjarja 8 / 2020 , is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li Regjun Centrali approva ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u l-għaqdiet ġew infurmati bl-ammont deċiż.

23.4.19 Is-Sur Jean Claude Borg għarraf lil kunsilliera preżenti li l-arbli tal-bejt tal-kunsill tniżżlu biex ssir manutenzjoni fuqhom.

23.4.20 Is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li l-kolletturi tal-iskart mhux qed jkunu bil-ġakketta bl-arma tal-kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

**23.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

23.5.01 B'referenza għall-minuti 20.3.06 dwar l-emendi għal Bye Law tal-Iskall Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poggiet fuq il-mejda kopja bi proposti tal-avukat.
Is-Segretarju Eżekuttiv ta'spjegazzjoni dettaljata lil kunsilliera preżenti dwar it-tibdil kollu propsti li jipprovdu biex jkunu hemm kontroll ahjar u ghodda biex il-kunsill jkun jista' jimplimenta dawk il-miżuri xierqa għall-interess tal-komunità , l-ambjent tal-post u jrażżnu l-abbużi permezz ta' penali u garanzija. Hawn talab lill kunsilliera biex jaraw sew l-emendi biex tkun tista' ssir diskussjoni fuqhom u jkomplu bil- proċessi meħtieġa.

Il-kunsill ddiskuta u qablu unanimament biex jaraw sew id-dokument preżentat u jkomplu jiddiskutu il-proposti fis-seduta li jmiss biex wara jmexxu għal konsultazzjoni mal-għaqda.

23.5.02 B'referenza għall-minuti 21.5.05, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar is-seduta urġenti L8_22 saret fis-16 ta'Frar biex jkun diskuss il-proġett tal-fly over u pproponiet biex il-kunsilliera jagħmlu laqgħa mal-perit biex jiddiskutu miegħu x'alternattivi jista' jkun hemm.

Is-Sur Maurice Agius qal li l-kunsill rrid joqgħod attent li l-perit tal-kunsill ma jkollux konflitt ta'interess.
Is-Sur Charles Selvaggi qal li l-kunsill jrid jikkunsidra kif jeħodha il-pubbliku u għandu jkun assigurat li l-perit mhuwiex involut fil-proġett.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li l-aħjar li l-ewwel ssir laqgħa mal-perit tal-kunsill f'Marzu u jattendi kulħadd u mbagħad il-kunsill jmexxi skond dak li jkun hemm u jiddiskuti dwar il-laqgħa pubblika.

23.5.03 B'referenza għall-minuti 21.4.09, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li bdew jeħlu s-sinjali b'preparazzjoni għall-implimentazzjoni ta' sistema one way minn Triq Sant'Andrija l-isfel sa Triq Mons Innoċenz Zammit k/m Triq Dijonisju Famucelli.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm xi kummenti mingħand ir-residenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien hemm tlett residenti u l-operatur tal-iskart li għandhom vetturi kbar li llmentaw li go Triq San Andrija se jkun diffiċli għalihom biex jimmanuvra l-isfel. Żewġt ilmenti oħra kienu li Mons Innocenz Zammit għanda tibqa two way minħabba ħruġ mill garaxx jew jekk għal xi raġuni Triq Dijonisju Famucell tkun magħluqa ma hemmx minn fejn toħroġ. Dwar Triq San Andrija dan jkun verifikat u soluzzjoni tista' tkun li ssir eċċezzjoni għal vetturi il'fuq minn ċertu tunnellaġġ bl-approvazzjoni ta'TM. Biss il-kunsill jrid jassigura li dawn mhux ilmenti ta'konvenjenza u dawn jkunu obbligati li jsuqu biss il'fuq u mhux l-isfel ukoll.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li ta'Triq Innocenz Zammit mhux il-każ fil waqt li għal Triq San Andrija ssuġġerixxa biex il-kunsill japplika ma' TM u jekk imbagħad dawn jinqabdu jinżlu l-isfel u jabbużaw din terga tiġi l-isfel biss.

Il-kunsilliera ddiskutew u approvaw.

23.5.04 B'referenza għall-minuti 21.4.07, dwar skema ta'fondi 6/2020 , għall akkwist ta' vari u bradelli eċċ , relatata mal-purċissjoni annwali b'tfal tal-iskola. Is- sur Jean Claude Borg spjega kif qed ssir ix-xogħol mill-iskultur u li se jkun hemm tlieta lesti fil-ġimghat li ġejjin u ssuġġerixxa li dawn għandhom jkunu esibiti f'wirja fil-kunsill bħala promozzjoni u fl'istess ħin jkun hemm wirja ta'vari.

Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-miżuri għal Covid u jkun aħjar jekk l-ewwel il-kunsill jara mad-dipartiment għas-saħħa jekk hux possibbli li ssir.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni biex jkun ukoll aċċertat li jekk il-wirja ssir gos- sala din m' għandhiex tkun qabel is-seduta tal-kunsill li jmiss minħabba l-*live streaming* .

23.5.05 B'referenza għall-minuti 9.5.04, Is-Sur Jean Claude Borg spjega li s-sena ta'qabel, il-kunsill kien ġa xtara ix-xemgha għal attività tal-Ġimgħa il-Kbira li tħassret minħabba il-Covid-19 u talab lil kunsilliera preżenti biex din tkun tista' tintuża għal mixghela fuq iz-zuntier nhar id-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet jekk tistax ssir mera fi Triq il-Kunċizzjoni ħdejn il-ġibjun qabel ma' ddur direzzjoni għal Triq it-Torri.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li qabel se jara dwar ix-xogħolijiet tal-W.S.C li se jsiru hemm.

23.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li l-Kumitat ghat-Tismija ta' Toroq talab biex jkun issuġġeriet isem ieħor għal parti minn Triq Garcin mal-binja tal-Gvern li tiġi k/m ma' Sqaq Garcin u toħroġ għal Triq il-Wied tal-Imsida faċċata tal-Għajn tal-Ħasselin għalhekk qed tipproponi li din jinbidel l-isem għal Triq l-Għajn tal-Ħasselin.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

23.5.07 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kompactor żviluppa ħsara mekkanika fi- gear li tammonta il'fuq minn €450 biex jissewwa. Meta tikkunsidra li dan ilu jintuża u ma hemmx garanzija fuq it-tiswijiet ħa ħsieb jiġbor stima għal wieħed ġdid li jiswa €830 inkluż V.A.T.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

23.5.08 B'referenza għal minuti 19.5.02 dwar Skema għal €3000 fuq proġetti żgħar mir-Regjun Ċentru kien deċiż li l-fondi jintużaw biex jinbidel il-ħġieġ eżistenti tal-fanali ornamentali ma' ieħor aktar trasparenti li jippermetti għall aktar dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li waqt id-diskussjonijiet oħra kien kunsidrat ukoll biex fejn hemm fanali li ma jaqblux mal-istil dawn jinbidlu. Wara li ħa ħsieb jara li hemm bżonn sebgħa fittex għal fanali bħal ma' hemm fil-post jew simili u sab mudell wieħed fejn talab stima li tiswa €340 kull fanal inkluż V.A.T iżda mingħajr l-installazzjoni.

Is-Sur Jean Claude Borg staqsa jekk jistgħux iġibu aktar minn sebgħa u jinħażnu x'imkien f'każ ta'bżonn go postijiet oħra.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma'hemmx post addattat fejn dawn jinżammu u li dawn xorta jista' jiżviluppaw ħsara meta jkun maħżuna.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li jinxtara kemm hemm bżonn.

23.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari SPI/SCI/2/2021 u spjegat li dawn huma fondi biex ssir żvilupp jew titjieb fil-playing fields. Dan is-suġġett ġa ġie diskuss diversi drabi fejn għadu mhux ċert x'se jiġri għal playing field tal-Imsida. Iżda jista' ssir xi xogħol go dak ta'Swatar u b'referenza għal minuti 19.4.14 spjegat kif il-kunsill jista' jara kif jibbenefika minn din l-iskema skond il-linji gwida biex jinbidlu l-istrutturi li hemm bżonn u jsir moniterag u sigurtà pubblika.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li jaraw x'hemm bżonn għal-bandli tas-Swatar u japplikaw kif indikat.

23.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari SPI/SCI/3/2021 u spjegat li dawn huma fondi għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 u l-applikazzjonijiet u d-dokumenti relevanti għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Kunsill Reġjonali Ċentru sa mhux iktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 2 ta' April 2021.Ghalhekk qed tipproponi li jsir sotto kumitat biex jiddiskuti x'attività tista' ssir u l-Kunsill jiddeċidi biex jkun jista' japplika.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u ġie ffurmat sotto kumitat magħmul mis-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, mas-Sinjuri Jean Claude Borg u Jude Sciberras.

23.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti dwar bosta abbużi ta'fly tipping u dumping li qed issiru mal-lokalita u spjega li qed ssiru kwantità ta'rapporti mal-awtoritajiet għal infurzar iżda jidher li din se tiżviluppa għal sitwazzjoni li se taħrab mill-kontroll. Għalhekk hemm bżonn ta'soluzzjonijiet differenti fejn jidhru Kameras għal sorveljanza aħjar. Hawn kompla jispjega kif il-problema ta' qabel kien il-moniterag u protezzjoni ta'Data iżda hemm possibilità li dawn jistgħu jkunu indirizzati mill- LESA, filwaqt li l-kunsill jieħu ħsieb l-installazzjoni u manutenzjoni. F'dawl li se jkun hemm skema ta'fondi li dawn jistgħu ssiru qed jitlob lill kunsilliera preżenti biex jaħtar kumitat u jistudja fil-fond din il-problema ħalli joħroġ b'strateġija għal kunsiderazzjoni tal kunsill biex ssir installazzjoni ta' kameras fuq medda ta'żmien.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw fejn ġie iffurmat kumitat magħmul mis-Sinjuri Charles Selvaggi , Jean Claude Borg u Maurice Agius flimkien mas-Sindku.

23.5.12 B'referenza għall-minuti 20.4.16, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti bix-xogħol li qed ssir b' materjal riċiklat go Triq Dun Kalcidon Schembri. Hawn kompliet tispjega li din hija zona mudlama għalhekk qed tipproponi biex jkun hemm fanali kif saru go Triq Oscar Zammit.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li jaraw x hemm bżonn u tintalab stima.

23.5.13 B'referenza għall-minuti 20.3.07, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li l-kuntrattur ta' I.M beda x-xogħol fi' Triq it-Torri. Għalhekk se tipproponi biex tkellem lill perit inkarigat biex tara il-possibilità li jiċkien kemm jista' jkun is-*central strip* go Triq L-Zamenhof biex jiżdied xi ftit il-parkeġġ go dik iz-zona.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar liema huma t-toroq li jmiss ssiru.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li għad fadal toroq xi ssiru mil-ewwel lista iżda għal mument ma' għandix informazzjoni liema waħda jmiss.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li is-central strip ta'Triq L Zamenhof jekk possibbli għanda ssir.

23.5.14 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet dwar nuqqas ta'dawl fejn il-ġibjun u li ġiet infurmata dwar nies jagħmlu ċerta abbużi fil-post.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kienet saret floodlight apposta għal dak l-skop u se jiċċekkja jekk din mhux taħdem jew biżżejjed.

23.5.15 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar il-ġbir ta'skart go triq it-Tajjar li qed ssir qabel il-ħin.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

23.5.16 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet jekk hux possibbli li kunsill jitkellem biex TM tagħmel rotta tal-linja minn Sliema għal Triq Bieb it-Torri għas-Swatar.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

23.5.17 Is-Sur Charles Selvaggi Staqsa dwar xi xogħol fil-weekend li qed ssir faċċata tal-Iskola.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

23.5.18 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar kameras installata fi'Triq Indrì Grima li tinsab fil-konfini tal-Imsida għal fuq l-skips li kien hemm go Triq Għabex u talab biex il-kunsill jikteb b'mod uffiċjali lill Kunsill Lokali ta' B'Kara biex dawn jkunu żarmati.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota

**23.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

Ma kienx hemm rapporti

**23.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

23.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-23 ta' ħlasijiet bejn l-20 ta'Jannar sa' 23 Frar 2021 għall-approvazzjoni tal-Membri.

L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Nicholas Joseph Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**23.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

23.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:52 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 23 ta'Marzu 2021.

Minuti konfermati, illum 23 ta'Marzu 2021.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai Alan Vella
Sindku Segretarju Eżekuttiv